MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 2933/2002

**Tereza Brincat**

**vs**

**Sherif El Shennawi**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta' Dicembru, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attrici s-somma ta' mitejn u disgha u tmenin lira Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm289.35) jew somma ohra verjuri rappresentanti in kwantu ghal Lm56.91 u Lm121.44 bhala arretrati ta' dawl u ilma rispettivament gravanti l-fond ossia flat numru 3, Carmel Flats, triq l-Imhar, Qawra, in kantu ghal Lm31, kont tat-telephone, liema ammonti huma dovuti ghal perijodu li l-fond kien mikri lill-konvenut, u in kwantu ghal Lm80 rapprezentanti l-valur ta' oggetti li gew neqsin mill-istess fond, u li huma proprjeta tas-sidien.

Bl-ispejjez, u bl-imghax legali kontra l-konvenut, ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fl-20 ta’ Marzu 2003, fejn huwa eccepixxa illi huwa ma ghandu ihallas xejn lill-attrici. Di fatti gie miftiehem li l-konvenut ma ghandux ihallas il-kont tad-dawl u ilma, waqt li l-konvenut fil-fond halla sett ta’ television u video-recorder li jiswa Lm150 u li nxtara mill-istess konvenut sabiex jaghmel tajjeb ghall-kont tat-telefon. Il-kera kien gholi ghal dan il-flat zghir b’zewgt ikmamar, u kien ikopri l-kontijiet tad-dawl u l-ilma. Lanqas ma hu minnu li l-konvenut ha oggetti mill-fond, kif jigi ippruvat waqt il-kawza. Fic-cirkostanzi l-attrici ghandha tirritorna s-sett ta’ televizjoni jekk jigi ikkundannat ihallas il-kont tat-telefon jew jigi rimborsat d-differenza fil-prezz. Bl-ispejjez kontra l-attrici, ingunta ghas-subizzjoni.

Sema' x-xhieda ta’l-attrici u ta’ huha Alfred Brincat, kif ukoll tal-konvenut.
Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebieti.

Ikkunsidra,

Illi mix-xhieda tal-partijiet kif ukoll ta’ hu l-attrici Alfred Brincat, irrizulta illi l-konvenut kien kera appartament gewwa l-Qawra proprjeta ta’l-attrici bir-rata ta’ Lm70 fix-xahar u dana ghal perijodu bejn Frar 2000 u Ottubru 2002. It-trattativi kienu saru bejn l-konvenut u Alfred Brincat u ftehim bil-miktub ma kienx hemm, izda kif jirrizulta anke mix-xhieda tal-konvenut, apparti l-hlas tal-kera, l-konvenut kellu ukoll ikun responsabbli ghal hlas tas-servizzi tad-dawl, ilma u telefon tul l-okkupazzjoni tieghu ta’ dan l-appartament.

Illi l-attrici qieghda titlob permezz tal-presenti istanza l-hlas tal-kontijiet tad-dawl, ilma u telefon fl-ammonti ta’ Lm56.91, Lm121.44 u Lm31. Inoltre hija qieghda titlob l-ammont ta’ Lm80 rappresentanti l-valur ta’oggetti illi hija sabet neqsin mill-appartament meta l-konvenut irritornalha ic-cwievet, liema oggetti huma elenkati fid-dokument TB3 a fol.23 tal-process.

Illi ma jidhirx illi huwa ikkontestat il-fatt illi l-konvenut kellu ikun responsabbli ghal hlas tal-kontijiet ta' dawl, ilma u telefon ghal perijodu li dam jokkupa dana l-appartament, kif jammetti l-konvenut stess fix-xhieda tieghu u ghalhekk l-eccezzjoni tieghu f'dan ir-rigward qed tigi michuda. Il-konvenut madanakollu jikkontendi illi huwa kien halla *television* u *video recorder* gdid li kien ghadu kemm xtara ghal prezz ta' Lm170 sabiex jaghmel tajjeb ghal kwalsiasi arretrati li seta' kien hemm, liema apparat madanakollu ma setax jithaddem mill-attrici stante illi l-konvenut zamm ir-*remote control* ta'l-istess hu. L-attrici min-naha taghha tikkontendi illi dana it-*television* u *video recorder* kienu thallew fil-post mill-konvenut bhala hlas ghal bilanc li kien ghad hemm dovut fuq *washing machine* li l-attrici kienet xtrat ghal konvenut u li hu ha mieghu meta telaq mill-post. Fil-fatt l-konvenut stess jammetti illi huwa hallas parti biss mill-ammont dovut ghax xiri tal-*washing machine* ghalkemm ma jaqbilx ma'l-ammont li ghad fadal pendenti. Fi kwalunkwe kaz il-hlas tal-bilanc fuq ix-xiri ta' din il-*washing machine* ma tidhirx li tifforma l-mertu ta' dawn il-proceduri u kwindi it-Tribunal ma huwiex ser jiddilunga fuq il-provi imressqa f'dan ir-rigward. Ghalhekk gialdarba hemm ammissjoni min-naha tal-konvenut illi kien dmir tieghu illi ihallas dawn il-kontijiet ghalhekk ma hemmx dubbju illi l-ammonti ta' Lm56.91, Lm121.44 ghas-servizzi tad-dawl, ilma u telephone (ara Dokument TB1 u TB2) huma dovuti. Irid jigi rilevat illi l-ammont ta' Lm31 ghal kont tat-telefon kif mitlub fl-avviz ma jirrizultax mid-dokumenti esebieti u kwindi ma huwiex dovut.

Fi kwalunkwe kaz gialdarba il-konvenut xjentement naqas li ighaddi ir-*remote control* ghal dan it-*television* u *video recorder* lill-attrici bil-konsegwenza li dawn illum ma jistghux jiffunzjonaw, allura l-konvenut certament kiser il-ftehim milhuq bejn il-partijiet ghal liema ksur certament ma ghandhiex tbati l-attrici. Finalment il-kwistjoni dwar il-kobor ta'l-appartament mikri u ir-rata tal-kera li kellha tigi imhallsa, dana gie accettat mill-konvenut meta intlahaq il-ftehim bejn il-partijiet u ghalhekk issa ma jistax jikkontesta l-fatt illi l-kera kienet gholja ghad-daqs ta'l-appartament u jippretendi illi parti mil hlas tal-kera ghandha tigi allokat

ghal hlas tal-kontijiet in kwistjoni. Inoltre minn imkien mill-provi ma jirrizulta illi kien hemm ftehim f'dan is-sens.

Illi ghar-rigward tal-prospett Dokument TB3, esebiet mill-attrici u cioe' l-oggetti illi hija sabet neqsin mill-appartament, it-Tribunal iqies ix-xhieda ta'l-attrici iktar verosimili f'dan ir-igward minn dik tal-konvenut, li ghalkemm jikkontendi illi huwa xtara hafna affarijiet godda minhabba l-fatt illi dawk ta'l-attrici kienu qodma, huwa madankollu naqas li jipproduci ricevuti jew provi ohra li jindikaw l-istess. Inoltre mix-xhieda tieghu huwa isemmi biss uhud mill-affarijiet li hemm f'din il-lista u cioe' is-*shower curtain* (ghalkemm l-attrici issemmi ix-*shower railing*), l-affarijiet ta' tazzi, platti u borom, l-*electric kettle* u il-*heater*, u ma jsemmi xejn ghar-rigward ta'l-oggetti l-ohra. Illi ghar-rigward tal-valuri ta'l-oggetti indikati fl-imsemmija lista, ma jidhirx illi l-konvenut qieghed jikkontesta l-istess, oltre l-fatt illi l-ammont indikat jidher illi huwa gustifikat.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, jilqa' it-talba attrici limitatament pero' ghall-ammont ta' mitejn u hamsa u tmenin lira Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm285.35), billi l-ammont ta' Lm31 ma jidhirx li huwa dovut in konnessjoni mal-kont tat-telefon u ghalhekk jikkundanna l-konvenut ihallas lill-attrici dana l-ammont u cioe' Lm285.35, bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal tlett kwarti (3/4) mill-konvenut u kwart (1/4) mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------